MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2011

Numru. 394/2011

Il-Pulizija
(Sp Anthony Portelli)
vs
Marco Belli, iben Emanuel, imwieled Pieta’ fid-29 ta’ April, 1981, Karta ta’ l-Identita numru 224481(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fl-10 ta’ Marzu, 2011 u fil-ġimgħat ta’ qabel, f’diversi bnadi f’dawn il-Gżejjer, xjentement laqa’ għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement b’kull mod li jkun indaħal sabiex ibiegħhom jew imexxihom, u cioe’ laqa’ għandu apparat tal-HiFi, li l-valur tiegħu jeċċedi €232.94 iżda li ma jeċċedix €2,329.37, liema apparat kien ġie rrapportat misruq fit-13 ta’ Frar, 2011 għad-dannu ta’ Christian Arding.

Il-Qorti ġiet mitluba li tikkunsidra lill-imputat li sar reċidiv skkont l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, b’sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-14 ta’ Ġunju, 2006 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Mejju, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50 u 334(a) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tmintax (18) il-xahar mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------